SANTA LUĊIJA

**MINUTI – IS-SITT KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 32-14**

Illum it-Tlieta, 23 ta' Settembru 2014

Il-Kunsill iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-5.00 p.m.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Frederick Cutajar, il-Viċi Sindku Terrence Ellul u l-Kunsilliera: Joe Bonello, Caroline Galea u Victor Camilleri. L-Ambaxxatriċi għaż-Żgħażagħ, Claire Mamo ma kienetx preżenti għal din il-laqgħa.

**ASSENTI**

Ħadd

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

**1. MINUTI**

Il-Minuti tal-laqgħa numru 31-14 li saret nhar l-Erbgħa, 27 ta' Awissu 2014 ġew moqrija u approvati.

## 1.1 *Mill-Minuti*

### 1.1.1 *Ħsarat fil-Ġnien Ċiniż*

Il-Kunsillier Joe Bonello rrefera għall-minuta 4.2 tal-laqgħa preċedenti u staqsa jekk kienx hemm xi *feedback* minn naħa Ċiniza. Is-Sindku qal li għadu kif tlesta rapport tekniku dwar il-ħsarat fi Ġnien is-Serenita' u dan flimkien ma' lista ta' spejjeż li għamel il-Kunsill ser jinġieb għall-attenzjoni tan-naħa Ċiniża li kienet involuta f'dan il-proġett.

### 1.1.2 *Kwotazzjoni għall-xiri ta' bankijiet*

Il-Kunsillier Joe Bonello rrefera għall-minuta 7 tal-laqgħa preċedenti u staqsa kif ser jipproċedi l-Kunsill dwar ix-xiri ta' bankijiet għal Pjazza 7 ta' Lulju. Is-Sindku qal li l-kwotazzjonijiet li ntefgħu kienu għoljin u għalissa l-Kunsill ma jistax jagħmel spejjeż li ma kienux riflessi fil-*budget* għas-sena 2014.

### 1.1.3 *Football Nursery*

Is-Sindku rrefera għall-minuta 1.1.4 tal-laqgħa preċedenti fir-rigward tal-*Football Nursery*. Huwa qal li xtaq jieħu l-okkazzjoni biex jifraħ lit-*team* tal-*Football* ta' Santa Luċija tas-suċċess li qed jiksbu fil-kampjonat din is-sena. Huwa rrefera għall-*Football Nursery* u qal li din għandha madwar mitt membru u li 60% huma tfal minn Santa Luċija. Is-Sindku tkellem dwar it-talba tal-*Football Nursery* dwar il-ħlas tat-trasport u qal li din mhix konformi ma' l-Att Dwar il-Kunsilli Lokali. Huwa qal ukoll li l-*football nursery* qed tressaq ukoll proposti biex ikun hemm aktar koperazzjoni bejn in-*nursery* u l-Kunsill,

Is-Sindku tkellem ukoll dwar attivita' sportiva indirizzata lejn il-*football nurseries* li qed tiġi organizzata mir-Reġjun Nofsinhar. Huwa qal li bil-parteċipazzjoni tas-Santa Luċija *Football Nursery* f'din l-attivita', l-Kunsill ser jibbenefika mill-għoti ta' *defibrillator* biex tintuża fil-lokalita' ta' Santa Luċija f'każ ta' emerġenza. Il-Kunsill qabel li dan l-apparat għandu jitwaħħal ma' l-ħajt ta' l-Għassa tal-Pulizija.

### 1.1.4 *Hand Rail fi Triq Guljetta Lopez*

Is-Sindku rrefera għal minuta numru 1.1.1 u nforma l-Kunsill li l-*handrail* li kellu jsir fi Triq Guljetta Lopez issa huwa lest.

## 2. KORRISPONDENZA

### 2.1 *Listi*

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn is-27 ta' Awissu 2014 u it-23 ta' Settembru 2014 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi ntbagħtu lil Kunsilliera kollha.

### 2.2 *Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill*

#### 2.2.1 *Ittri mibgħuta mill-Kunsill:*

- 0932-14-O – *RiteMix Ltd* – Triq il-Gnien
- 0947-14-O - *AID Ltd – Letter of Acceptance*
- 0980-14-O – *RiteMix Ltd*. – Sinjali tat-Toroq
- 0990-14-O – Ministeru għat-Trasport u Nfrastruttura – Servizz ta' *Watchmen* fi Gnien is-Serenita'
- 0993-14-O – *European Mobility Week* – Applikazzjoni
- 0985-14-O – Dipartiment Għall-Gvern Lokali – Memo 25/2014 – Applikazzjoni
- 0979-14-O – Ministeru għall-Finanzi – Kwotazzjoni ta' l-*Enemalta* dwar xogħol ta' tħaffir u tqiegħid ta' *cable*
- 1009-14-O – Ministeru tal-Finanzi - Xogħol ta' *resurfacing* fi Triq Margeriti u Triq l-Iris

2.2.2 ***Ittri li rċieva l-Kunsill:***

- 0940-14-I – Dipartiment għall-Gvern Lokali - Premju Nazzjonali Ħaddiema tas-sena 2014
- 0945-14-1 – Kummisarju għat-Tfal – Proposta għal servizz ġdid għall-ommijiet bit-trabi
- 0951-14-I – *WasteServ - European Week for Waste Reduction*
- 0963-14-I – *Transport Malta – European Mobility Week*
- 0987-14-I – *Primary Health Care – Seasonal Influenza Vaccine*
- 0988-14-I – Resident -Triq il-Bruka
- 0991-14-I – *Transport Malta - Reserved Parking*

**2.3** ***Rapporti u Dokumenti oħra ppreżentati lil Kunsill:***

- **Applikazzjoni:** ***European Mobility Week.***
- ***Report: Inspection and Testing of new Installation at the Chinese Gardens in Santa Luċija***
- ***Playground Inspection Report 2014***
- ***BOV ATM Agreement***
- **SLLC Memo 11-2014 - Proġett Reaction*: Reinbursement* tas-*subsistance Allowance***
- **SLLC Memo 12-2014 - Xogħol ta' manutenzjoni fi Triq l-Anżalor**

## 3. PUNTI MQAJMA

**3.1** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0940-14-I is-Sindku nforma l-Kunsill dwar Ministeru Għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili kien qed jilqa' nominazzjonijiet għall-Premju Ħaddiem tas-Sena 2014. Huwa qal li min jixtieq jinnomina lil xi ħaddiem jew ħaddiema għal dan il-premju għandu jinforma lis-Segretarju Eżekuttiv ħalli ssir il-proċedura neċessarja.

**3.2** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0945-14-I saret referenza għal proposta tal-Kummissarju għat-Tfal dwar il-possibilita' li l-Kunsill jipprovdi post fejn ommijiet bit-trabi li jinżertaw qed jagħmlu l-qadi taghom fiċ-ċentru tal-lokalita'

ikollom post disponibbli fejn jistgħu jreddu lit-trabi tagħhom. Il-Kunsill qabel li joffri l-*annex* għal dan il-għan. Għaldaqstant għandu joħroġ avviż informattiv dwar din l-inizjattiva.

**3.3** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0951-14-I il-Kunsill iddiskuta x' inizjattivi jista jieħu biex jipparteċipa fil-*European Week for Waste Reduction*. Il-Kunsill qabel li jipparteċipa bl-iskema favur il-qari u l-Ħarsien ta' l-Ambjent immirata biex biha tfal jaqraw aktar u minn ċkunithom jidraw iħarsu l-ambjent.

**3.4** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0963-14-I is-Sindku nforma l-Kunsill li l-applikazzjoni tal-Kunsill dwar il-European Mobility Week ma kienetx fost dawk li ġew *shortlisted* minn *Transport Malta.*

**3.5** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0987-14-I il-Kunsill laqgħa l-proposta tal-*Primary Health Care* biex tiġi organizzata taħdita dwar it-tilqima kontra l-Influenza. Għandhom isiru arranġamenti ma' l-Kappillan għal użu tas-sala.

**3.6** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0988-14-I is-Sindku rrefera għall-applikazzjoni tal-Mepa biex jinqalgħu żewġ siġriet minn Triq Bruka. Il-Kunsill għażel żewġ siti fejn dawn is-siġar jistgħu jiġu t*ransplanted*. Huwa qal li dawn is-siti jridu jiġu approvati mill-*Mepa* biex il-Kunsill ikun jista' jipproċedi.

**3.7** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0991-14-I il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għal talba għall-*reserved parking* fi Triq Żnuber.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

### *4.1 Bye-Laws għall-użu ta' Ġnien is-Serenita' u Kiri tat-Tea Room*

Il-Kunsill iddiskuta fit-tul il-*Bye-Laws* preżenti għall-użu ta' Ġnien is-Serenita'. Is-Sindku qal li l-Kunsill bħalissa qed jirrifjuta ħafna talbiet għall-użu ta' dan il-ġnien peress li kellu l-ħsieb li jemenda l-*Bye-Laws*. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li jrid ikun hemm deċiżjoni dwar jekk dan il-ġnien hux ser jintuża bħala *venue* għal tiġijiet u jekk hux ser joħroġ avviż ta' nteress għal kiri tat-*Tea Room*. Fir-rigward l-użu tal-ġnien il-Kunsill qabel li ma jbiddel xejn mill-*Bye-Laws* preżenti. Ġie deċiż ukoll li f'każ ta' kiri tal-ġnien biex jintuża bħala *venue* għat-tiġijiet il-Kunsill għandu jaċċetta biss meta in-numru ta' nies ma jaqbiżx il-250 ruħ. Fid-deċiżjoni tiegħu l-Kunsill ħa konsiderazzjoni ta' l-ammont ta' karozzi li jridu jipparkjaw fit-toroq ta' Santa Luċija. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jitħejja kuntratt għal kiri ta' dan il-ġnien li fost oħrajn ikun jinkludi fih il-ħinijiet u jiġi speċifikat li l-Kunsil mhux responabbli għall-*parking*.

Fir-rigward tal-Kiri tat-*Tea Room* il-Kunsill qabel li joħroġ avviż ta' nteress għal kiri ta' din it-*Tea Room*.

## *4.2 Insurance Policy – tiġdid tal-kuntratt*

Il-Kunsill iddiskuta dan il-kuntratt li kien jagħlaq fit-30 ta' Settembru 2014. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dan il-kuntratt kien ġie fis-seħħ f'Ottubru 2012, wara li ħarġet sejħa pubblika, u jista jibqa' jiġġedded sa tlett snin jiġifieri sas-sena 2015. Il-Kunsill innota wkoll li kien hemm xi emenda fil-*Public Liability Warranty* fejn jidħlu l-*playing fields*. Il-Kunsill qabel li jġedded dan il-kuntratt kif emendat għal perjodu ta' sena mill-1 ta' Ottubru 2014 sa t-30 ta' Settembru 2015.

## 4.3 *Proposta: Permit Management System*

Il-Kunsill iddiskuta proposta minn kumpanija lokali li tispeċjalizza fit-teknologija li qed toffri *software* għall-immaniġjar ta' permessi u talbiet għal manutenzjoni ta' bozoz. Dawn iż-żewġ sistemi qed jiġu offruti għal ħlas ta' rata fissa fix-xahar. Il-Kunsill qabel li għalissa mhux il-waqt li l-Kunsill iżid l-ispejjeż kurrenti tiegħu.

## *4.4 Playground Report*

Il-Kunsill iddiskuta rapport dwar il-*Playing Field* f'Santa Luċija. Il-Kunsill innota l-kummenti li saru f'dan ir-rapport u għandha titħejja stima ta' manutenzjoni li hemm bżonn biex jiġu evitati inċidenti. Is-Sindku rrimarka li xtaq jiltaqa' ma' l-uffiċċjal li ħejja dan ir-rapport biex jiddiskuti miegħu xi punti li tqajmu fl-istess rapport. Huwa semma b'mod partikulari il-kummenti fuq ix-xtieli ta' l-*Oleander* u dwar il-manutenzjoni tal-bandli peress li din il-problema diġa kienet issemmiet fir-rapport preċedenti u l-Kunsill kien ħa ħsieb jagħmel il-manutenzjoni meħtieġa fuq dan l-apparat.

## *4.5 BOV ATM Agreement*

Is-Sindku qal li l-ftehim li l-Kunsill kellu ma' l-*Bank of Valletta* fir-rigward ta' l-*ATM* skada, għaldaqstant saru l-arranġamenti meħtieġa biex dan jiġġedded għal ħames snin oħra.

## *4.6 Letter of Intent*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li kienet saritlu proposta biex flimkien ma' l-Kunsilli ta' Ħal Tarxien, Raħal Ġdid u Fgura ssir applikazzjoni għal fondi biex tiġi żvillupata *Sustainable Mobility Plan* u jingiebu fondi mill-Unjoni Ewropea għall-implementazzjoni tagħha. Huwa qal li qed jiġi propost li jkun hawn mezz ta' trasport li jaħdem bl-eletriku li jagħti servizz madwar dawn l-erba' lokalitajiet. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

### *4.7 Memo 25/2014: Skema dwar Inizjattivi Sportivi 2014-2015*

Is-Sindku rrefera għall-Memo hawn fuq imsemmija u nforma li l-Kunsill kien reġa' tefa' applikazzjoni għal fondi biex jerġu jsiru *Fitness Classes* bħas-snin preċedenti. Huwa qal ukoll li l-Kunsill qed jipproponi li jagħmel lezzjonijiet ta' l-għawm għat–tfal fix-xhur tas-Sajf.

## 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV 5201 sa numru BOV 5258 kif illistjati fl-iskeda tal-pagamenti għal-perjodu bejn l-01 ta' Awissu 2014 u l-11 ta' Settembru 2014.

Lista ta' Skeda ta' Ħlasijiet intbagħtet lil Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti numru 31-2014(27-08-2014)

### 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas tas-Salarji*

Salarji għax-xahar ta' Awissu 2014 Ammont *Gross* €4457.63

### 5.3 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| **Kuntrattur** | **Kuntratt** | **Kont** | **Ewro** |
|---|---|---|---|
| ELC Ltd. | PKG 57 | Servizz-Awissu 14 | 2061.50 |
| Joseph & Spiridione Żammit | RC(57-14-01) | Servizz-Awissu 14 | 1983.72 |
| Owen Borg | SS(57-12-01) | Servizz-Awissu 14 | 1024.25 |
| Saviour Mifsud | PCA(57-11-06) | Servizz-Lulju 14 | 625.41 |
| Saviour Mifsud | PCA(57-11-06) | Servizz-Awissu 14 | 625.41 |

## 6. XOGĦOLIJIET

### *6.1 Triq il-Ġnien*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li nhar it-Tnejn 29 ta' Settembru 2014, il-Kuntrattur kien ser jiltaqa' ma' uffiċċjali tal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma biex jiġi stabbilit minn fejn ser jgħaddi l-*main* il-ġdid ta' l-Ilma. Huwa qal li waqt din il-laqgħa ser jiġi deċiż jekk hux ser jinbidel il-*main* tad-dranaġġ ukoll.

### *6.2 Xogħol ta' manutenzjoni fi Triq l-Anzalor*

Is-Sindku irrefera għal xogħol ta' manutenzjoni li hemm bżonn isir fi Triq l-Anżalor peress li nizlet parti minn din it-triq u qed toħloq periklu. Huwa qal li bħalissa l-Kuntrattur tal-Kunsill qed jaħdem fi Triq Klematis fuq xogħol ta' *Transport Malta*. Huwa qal li kien talbu kwotazzjoni għal manutenzjoni li hemm bżonn issir fi Triq l-Anżalor u l-istima telgħet għas-somma ta' €880.30. Il-Kunsill approva din l-ispiza.

## 7 TMIEM/AĠĠORNAMENT

Il-Laqgħa ntemmet fis-6.30 p.m.

Il-Kunsill jerġa' jiltaqa' nhar it-Tnejn, 20 ta' Ottubru 2014 fil-5.00 p.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Approvati llum <u>.................,..... ta' ..................... 2014</u>**

**Frederick Cutajar**
**Sindku**